MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 193/2007

**F.E. Sullivan & Co. Ltd. (C353)**

**vs**

**Southern Supplies Co. Ltd (C38111)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmienja u disghin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm4,098.82) li jirrapprezentaw hlas ta' prodotti akkwistati minnhom u kkonsenjati lilhom mill-mittenti li baqghu qatt ma thallsu. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluz ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu, 2007, l-intimata, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2007. Bl-imghax kummercjali, kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fil-15 ta' Ottubru, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------